Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 386 / 2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Bader Zina**

Illum 17 ta Jannar, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Bader Zina detenur tal-karta tal-identita' numru 283606 L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita tieghu nnifsu lil xi had ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Antonio Perrone fil-pussess ta' hwejjgu b' xi mod iehor kontra il-ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-2 t' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti sabet lill-imputat Bader Zina hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u ghaldaqstant ikkundannatu multa ta' hamsin ewro filwaqt li

ordnat lill-imputat sabiex jaghti access lill-parte civile fil-post mertu tal-akkuza u dan fi zmien gimgha mill-lum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Bader Zina, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-17 t' Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla is-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif presejduta mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit, nhar il-2 ta' Ottubru 2018, u konsegwentement tillibera lill-appellant rikorrent minn kull htija u tirrevoka l-piena hemm inflitta.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-esponenti huma s-segwenti:

1) Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti filli d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li taccetta id-dritt tal-Parte Civili li jaccedi fi hwejjeg haddiehor, meta huwa jaf li ma ghandu ebda dritt, hija kontrario senso ghar-reat addebitat.

2) Illi t-tieni aggravju, u dan bla pregudizju u subordinatament ghas-suespost, jikkonsisti filli il-Parte Civili ammetta li huwa qatt ma kellu access jew kustodja assoluta tal-post u tal-kontenut, tant li ex admissis ghadu ma hallasx ta' kollox u hemm kawzi civili pendenti u anke illum titoli ezekuttivi kontra l-istess Perrone.

3) Illi t-tielet aggravju u dan bla pregudizju u subordinatament ghas-suespost, jikkonsisti filli r-reat in ezami, u cioe' id-disturb tal-pussess jirrikjedi li mhux biss ikun hemm pussess, imma dan l-istess pussess irid ikun attiv u

ezercitat, meta dan l-istess pussess ma kienx la attiv, u lanqas ezercitat billi ittermina l-impjieg tal-appellant, ma hallasx il-kera tal-fond in kwistjoni,

4) Illi ir-raba aggravju jikkonsisti u dan bla pregudizju u subordinatament ghas-suespost, illi fl-ebda hin mal-Parte Civile ma talab ir-rilaxx tal-oggetti hekk allegati personali tieghu, li sa issa ghad ma nafux fiex kienu jikkonsistu dawn l-istess oggetti personali, billi dak kollu li kien hemm fil-garage in kwistjoni gie ippakjat u tnehha billi l-fond kellu jigi ritornat lura lis-sidien rispettivi minhabba mankanza ta' hlas tal-kirja relattiva.

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kawza u dana fis-seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2018 fejn il-partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Rat l-affidvit ta' **WPS 198 Jennyfer Caruana**[1] esebit fl-atti u spjegat li l-kwerealnti Antonio Perrone flimkien mal-avukat tieghu Dr. Daniela Bugeja Mangion spjegawlu nhar it-13 ta' Marzu, 2018 ghall-habta ta' 15.40p.m li huwa Direttur tal-ufficcju mgharuf bhala Solutions Supplies u dan b'effett mill-25 ta' Settembru 2017u qablu kien hemm Bader Zina.

Spjega li nhar it-22 ta' Settembru 2017 ghall-habta tat-8.30a.m. innota li ma kellux aktar access ghall-ufficcju. L-ahhar darba li kellu access kien fid-29 ta Jannar 2018. Talab lil Zina biex ittik access izda din irriffjutat. Stqarr li ma kellux kopja tac-cavetta l-gdida tal-ufficcju.

Fis-16 ta' Marzu 2018 l-pulizija tkelmet ma l-appellant fejn dan ikkonferma li nhar il-25 ta Settembru 2017 li kien hemm ftehim fejn kien biegh il-goodwill tan-negozju lil Antonio Perronoe. Izda kien hemm ftehim apparti fejn kien hemm indikat li Perrone setgha jghamel uzu mill-fond sabiex jopera l-kumpanija taht l-obbigu li Perrone ihallsu s-somma ta' €450 mensilment. Sa l-ahhar ta' Dicembru 2017 skond il-ftehim Perrone kellu jhallas il-kera ta' tlett xhur bil-quddiem u li sa dakinhar 16 ta' Marzu,

[1] Fol. 3

2018 ma hallashiex. Qallhom ukoll li lanqas tal-goodwill ma kien hallas u li illum il-Qorti hemm pendenti Mandat ta' Qbid. Ikkonferma li s-serratura inbidlet u li Perrone kellu cavetta wahda biss minkejja li tpoggew zewg katnazzi u li llum l-ufficcju jinsab maghluq b'zewg katnazzi.

**Antonio Perrone** xehed[2] u spjega li f'Jannar 2018 kien ghamel rapport mal-pulizija u kien stqar li ma setghax jidhol aktar fl-ufficcju. Spjega li dan l-ufficcju jinsab B'kara vicin tal-fond Studio 7 u fih jinbieghu affarjiet ta' office supplies. Ikkonferma li kien xtara din il-kumpanija fl-ahhar ta Settembru 2017 u kien il-Manager u f'Jannar wara l-festi dahal lura ghax-xogholu fl-10 ta Jannar 2018 kien mar u sab l-ufficcju maghluq bi cwievet li ma kellux kopja taghhom u ghalhekk kien priv mill-access u milli jiggestixxi n-negozju tieghu.

Huwa ghalhekk talab lill-appellanti biex itih access beix jara x'kien sar minn negozju tieghu. Qal il dam xi hmistax-il jum jibghat messaggi u jitlob lill-appellant access izda wara kien mar jiltaqa' mieghu u l-appellant gab ruhu hazin mieghu tant li spica mar jghamel rapport l-ghassa u dan ghaliex fl-ufficcju sa dak il-punt kien ghad hemm hafna affarijeit personali tieghu.

Mistoqsi jekk hu minnu li huwa qatt ma kellu ic-cwievet kollha tal-post jghid li iva huwa minnu. Mistoqsi allura kif kien jidhol una volta ma kellux c-cwievet kollha tal-post jghid li qabel ic-cavetta l-ohra ma kieinitx tintuza kien ikun hemm biss lukkett jew katnazz u ta' dawn kellu cavetta. Jghid li l-apppellant kien jghidlu li ic-cavetta l-ohra ma kienitx tahdem u li ghalhekk ma kellux ghalfejn ikollu kopja taghha.

Muri id-dokument esebit fl-atti u mmarkat bhala dok A[3] jghid li dan hu l-kuntratt ta' akkwist tan-negozju.

L-appellant Bader Zina ghazel li jixhed u jghati d-deposizjoni teighu. Stqarr li f'Dicembru 2017 kien qed jghalaq l-accounts tieghu u kien hemm l-accountant tieghu u ta' ic-cavetta u dan ghalaq biz-zewg cwievet fejn suppost nghalqu b'cavetta wahda. Qal li fl-ahhar ta' Dicembru, 2017 Perrone kien mar l-Italja ghal-btajjel tal-Milied u suppost kellu jirritorna fil-bidu ta' Jannar 2018 u meta rritorna beda jghamel kuntatt

[2] Seduta tat-2 ta Ottubru 2018 fol. 7
[3] Fol. 19

mieghu ghaliex kien hemm hafna xoghol li kellu jsir u in oltre ghaliex ma kienx qed jattendi biex jiehu *hand over* u in oltre kien debitur tieghu ghaliex ma kienx qed ihallas il-kera tal-post. Qal li huwa pprova jikkonunika mieghu divesi drabi pero' ma kienx itih widen.

Ikkonfemra li fil-post kien hemm bhala pc's xkaffi u affarijeti ohra li gew assenjati lilu bil-kuntratt. Qal li l-affarjieti ghadhom ghandu mizmuma u jista' johodhom. Qal li huwa ghandu talba fil-konfront ta' Perrone ghas-somma ta €45,000. Qal li kien hu li hallas il-kirja tal-garaxx ghal-tmien xhur sa Awwissu 2018 u issa waqqafha wkoll.

In kontro esami jghid li vera Perrone kien jattendi ghal xi laqgaht fl-ufficcju pero' kien isiefer hafna u qal li kemm il-darba kien jikkomunika mieghu fuq whattsapp u jghidlu biex jidhol ghax-xoghol u jerfa' r-resposnabilita' izda ma kienx jidhol xoghol. Mistoqsi jekk jaqbilx li in effetti kien hemm zewg cwievet, zewg locks u huwa beda isakkarkom it-tnejn meta Perrone kellu kopja ta wahda biss jghid li iva pero' dan ghamlu meta allegatament kien ircieva email (li ma gietx esebita fl-atti) fejn gie infurmat li huwa ghadux aktar impjegat. Qal li fil-fatt lanqas il-paga ma kienx ircieva minghandu. In finis iddikjara li jaqbel li huwa kellu access ghall-post waqt li Perrone ma kellux.

Ikkunsidrat.

Illi bhala fatti jidher li in effetti l-parte civile kienet kriet il-post gewwa Victory street, B'kara u dan versu l-kera mensili ta' €450 minghand l-appellant sabiex tiggestixxi in-negozju taghha. Jidher li kien hemm zmien meta l-parte civile kienet tkun barra minn Malta ghal-zmien konsiderevoli u li l-appellant kien ikollu jiggestixxi in-negozju wahdu minkejja li hu kien impjegat w l-parte civile kien id-Direttur. L-appellant isostni li huwa ghamel dak li ghamel u zied cavvetta sabiex jipprotegi hwejjgu li kien in effetti qed jabbanduna l-parte civle.

**Konsideraazzjonijiet legali**

Kwantu għar-reat ta' ragion fattasi moghtija fil-konfront tal-appellant jinghad li din il-Qorti diversament presjeduta spjegat li "ir-reat ta' ragion fattasi huwa speċi ta' żona grigja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali. Illi l-elementi tar-reat in diżamina ġew maġisterjalment miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija mill-Imħallef W. Harding

fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża "**Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et**[4] " u dawn jinkludu:

(a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar biddissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

(b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

(c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;
(d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi[5].

"Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, Jew ifixklu filpussess tal-ħaġa. "(**Il-Pulizija vs Eileen Said**[6]**)**:

Riferibilment għall-ewwel element kostituttiv tar-reat ta' ragion fattasi, li hu mportanti huwa jekk effettivament sa dak in-nhar li sar l-allegat att ta' spoll kellhomx il-kwerelanti l-pussess, jew l-użu u tgawdija tal-fond in kwistjoni **Il-Pulizija vs Joseph Bongailas**[7]**.**

Gie ritenut illi :

*"Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex*

---

4 App. Krim. l-1 ta' Ottubru, 1944, Vol.XXXll - IV, p.768

5 Ara . App. Krim. '**Il-Pulizija vs Carmel magħruf bħala Charles Farrugia** 17 ta' Frar, 1995, App. Krim. **Il-Pulizija vs Spiro Bartolo** 9 ta' Jannar ,2006, **il-Pulizija vs Reno Micallef** 6 ta' Gunju, 1995 u oħrajn)

6 App. Krim. Inf., 19.6.2002. vide ukoll **Il-Pulizija vs Mario Bezzina:** App Krim. lnf., 26 ta' Gunju,2004 "Ir-reat ta' ragion fattasi huwa kostitwit mis-segwenti elementi: (I) att estem ii jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi. liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressajew presunta, ta' dan il-ħaddieħor: (2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qiegħed jagħmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir permezz: tal-awtorita' pubblika; u 4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

7 App. Krim. Inf,22 ta' Ottubru, .2001

*taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.*[8]"

Fuq kollox:

L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-*istatus quo*.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li in effetti Perrone kellu access ghal dan il-post gewwa triq il-Vittorja, B'kara u dan ghaliex kien qed jiggestixxi xi negozju dwar il-bejgh ta' office supplies minnu. Jirrizulta li l-appellant kien impjegat tieghu u kien qed issibha difficli li jikkomunika ma' Perrone ghaliex kien jghaddi hafna hin barra minn Malta u meta jkun hawn Malta jidher li Perrone ma kienx ikun fl-ufficjcu b'mod frekwenti. Pero' jidher li effettivament kien l-inkwilin ghalkemm possibilment jirrizulta ukoll li ma kienx qed ihallas l-kera dovuta tant li fil-konfront tieghu hemm Mandat ta' Qbid pendenti quddiem il-Qrati civili. Dan pero' ma jfissirx li Perrone li kellu l-affarijeit tieghu u cioe PC's, xkaffi u l-accounts fl-ufficcju ma jammontawx ghall-indikazzjoni cara li kellu access jew ahjar pussess tal- post. Jidher li in effetti l-appellant ghandu xi kreditu kontra is-sur Perrone u ghalhekk qabad u b'mod abbusiv innega lis-Sur Perrone mill-access tal-post.

M'hemmx dubbju kif stqarr l-appellant stess li qabel ma l-appellant ghamel dan l-att ta' spoll, s-sur Perrone kien jidhol fil-post bl-uzu ta' cavetta wahda pero' wara xi zmien l-appellanti ghalaq il-bieb b'zewg luketti kuntrarjament ghal dak li kien jghamel qabel u ma tax kopja tac-cavetta l-ohra u b'hekk b'dan l-agir is-sur Perrone gie priv mill-access liberu li kien igawdi. Dwar dan il-fatt ma hemxx kontestazzjoni u dan ghaliex l-appellant stess jammettiha fix-xhieda tieghu pero' jghid li ghamel dan meta allegatament kien ircieva email minghand l-parte civile (li ma gietx esebita) fejn gie infurmat li ma kienx ghadu impejgat tal-parte civile.

Ma hemmx dubbju li l-appellant jemmen li ghandu xi dritt li jghamel dak li ghamel u dan ghaliex ghandu kreditu fil-konfront tas-sur Perrone u ghakhekk haseb li b'dan l-agir kien qed jissalvagwrdja xi drittijiet ulterjuri li huwa ghandu fil-konfront tal-parte civile. Ma hemmx dubbju li dawn id-drittijiet li qed jivvanta l-appellant jifformaw parti minn proceduri civili ghaddejjin bejnu u bejn l-parte civile u ghalhekk l-appellant

[8] Il-Pulizija vs Eileen Said App.Krim 19 ta Gunju ,2002

messu stenna l-esitu ta' dawk il-proeduri u mhux jaqbad u jiehu l-ligi b'idejh u ikecci lill-parte civile mill-post li huwa kien legittament kera.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-appell tal-appellant u tikkonfema s-sentenza appellant in toto kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur